MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Talba Numru. 229/2007

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Polidano Brothers Ltd**
**(C-8884)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallashom is-somma ta` elf u hamsa u erbghin lira, tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,045.28c), rapprezentanti valur ta` sarta kawzati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici gewwa Triq Rodolfo, Sliema, f'Marzu, tas-sena 2005 u dana skond kif jirrizulta minn fattura 19762, Dok. A datata 30 ta` Gunju, 2005 (File relattiv – GT3/2005/08), prevja li jigi dikjarat okkorrendo li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ta` l-istess sarta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 12 ta` Dicembru, 2005, bir-referenza numru 11996/05, Dok. C u

bl-imghax legali dekorribbli mit-30 ta` Gunju, 2005 kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 30 ta` Marzo, 2007, fejn giet ikkontestata r-responsabbilita` taghha in vista tal-fatt li gie allegat li l-hsara kienet ikkawzata minhabba negligenza da parti ta` l-istess socjeta` attrici peress illi ufficcjali taghha mmarkaw hazin mnejn kienu ghaddejja l-cables. Da parti taghha s-socjeta` konvenuta wettqet ix-xoghol skond is-sengha u l-arti, minn persuni tas-sengha u wara li ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha.

Saret ukoll reserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Gie notat li fis-seduta tas-27 ta` Frar, 2008, din il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq talba tas-socjeta` attrici wara li s-socjeta` konvenuta naqqset ghal darba ohra biex tressaq il-provi taghha u inoltre baqa` hadd ma deher ghal din il-kawza.

Ikkunsidra.

Illi skond ir-rapport tal-pulizija anness ma` l-avviz bhala Dok. B u kif ukoll mill-kontenut tar-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta ghandu jirrizulta mhux kontestat il-fatt li kienet tassew is-socjeta` konvenuta li laqtet il-cable fil-kors tax-xogholijiet gewwa Rudolph Street, Sliema u kwindi li kkawzat il-hsara lamentati. Illi l-punt ta` divergenza bejn il-partijiet tinsab fil-fatt li s-socjeta` konvenuta qieghedha tallega li l-cables intlaqtu ghar-raguni li dawn kienu gew immarkati f’post hazin mill-haddiema ta` l-istess socjeta` attrici.

Ix-xhud Joe Cilia jghid illi l-cable in kwistjoni kien ghaddej minn gewwa pipe madwar pied taht wicc il-bankina u li l-bankina kellha tinqala` kollha biex issir mill-gdid. Huwa kkonferma li kien ra personalment il-marki ma` l-art mnejn kien indikat li ghaddej dan il-cable.

Ix-xhud Victor Busuttil ighid li huwa kien baghat lil Paul Darmanin sabiex jimmarka s-sinjali ma` l-art mnejn kien ghaddej il-cable u li dan fil-fatt kien mar jaghmel dan ix-xoghol fuq is-sit in kwistjoni. Dan gie kkonfermat mill-istess Paul Darmanin li xehed li mmarka s-sit b'zebgha hadra. Huwa jafferma li l-cable intlaqat precizament fil-punt fejn huwa kien immarka biz-zebgha l-hadra u kwindi wasal ghalhekk ghal konkluzzjoni li min kien qieghed iqatta` ma qaghadx attent ghal marki maghmulin minnu.

Illi da parti taghha s-socjeta` konvenuta baqghet ma resqet ebda provi in sostenn ghar-risposta minnha pprezentata u kwindi ma pproduciet xejn sabiex b'xi mod tipprova tiskolpa ruhha minn dan l-incident u dana nonostante li nghatat aktar minn opportunita` wahda biex taghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talbiet attrici, jiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghal hsarat ikkawzati fil-cable tas-socjeta` attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €2,434.85c (Euros) gia` Lm1,045.28c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficcjali Dok. C cioe` mit-22 ta` Dicembru, 2005 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------